MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 24/8

It-Tlieta 19 ta’ Mejju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-4.30 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

024.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

024.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (23/8 [28/04/2020])

024.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

024.4 Sejħa għall-Offerti:

***GLC/01/2020 Ġbir ta` skart domestiku mill-lokalita tal-Gudja b`użu ta` vettura ta` servizz b`emissjoni baxxi.***

***GLC/02/2020 Supply and Lay Paving Material for the Gudja Local Council***

024.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

024.6 Rapporti;

024.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

024.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

024.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgha u nofs ta` filgħaxija (4.30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 024.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittra ta` apologija.

### 024.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (23/8 [28/04/20])

024.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier S. Caruana talab ghal xi korrezzjonijiet fuq diversi items:

item numru 23.3.1 – Li ring road ghal Triq Hal- Safi kienet ukoll mressqa u proposta minn TM.
Item numru 23.3.3 – Il-Kunsillier S. Caruana qal li l-kuntrattur ma ghadda l-ebda katusa u ducting minn taht l-bankina.
Item numru 23.4.1 – Il-Kunsillier S. Caruana qal li hemm hitan tas-sejjieh li jmissu mall-gibjun u li huma propjeta tal-Gvern.
Item numru 23.6.1 – Il-Kunsillier S. Caruana ssugerriexa wkoll li ssir charging point fi Triq Santa Katerina.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 23/8 nem con.

**024.3** Komunikazzjoni mis-Sindku

024.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-spjegazzjoni li kienet inghatat dwar il-kontijiet ta` telefonija, fejn staqsiet jekk dan il-punt giex iccarrat. Dwar dan kullhadd qabel ma dak spjegat.

024.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien gie nfurmat mill-bank HSBC dwar sekwestru li kien sar sena ilu dwar xoghlijiet li saru fi Triq l-Ghejjel mill-kuntrattur li ghamel din it-triq. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qed jiccekja dwar dan mall-avukat tal-Kunsill.

024.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li tabella tal-one way kienet twahhlet fi Triq J.Pace u li nies ta` din it-triq u toroq tal-madwar gew infurmati dwar dan.

024.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li tabella ta` *"Except for Residents Only"* kienet twahhlet fi tarf ta` Triq Hal Safi.

024.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghas-sitwazzjoni li grat ftit tal-jiem ilu minhabba van li spicca wehhel fi l-parti d-dejqa ta` din it-triq u saru xi hsarat fil-faccatti tar-residenti. Is-Sindku ssugerriet li ssir xi bollard biex vannijiet kbar ma jghaddux u titwahhal tabella except for residents only. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jitlob l-permess ta` TM.

024.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li qed isiru fi Vjal it-Torri, fejn ix-xoghol huwa miexi sew. Is-Sindku qalet li servizzi mhux ser jghaddu kollha minn taht l-art. Il-Kunsillier S.Caruana qal li servizzi u ducting ma ghaddewx minn taht il-bankini. Il-Vici Sindku M. Calleja qal li l-kuntrattur qed jinzel hafna `l isfel. Gie ssuggeriet ukoll li fit-tarf ta` Triq San Ciru isir gibjun ghal Vjal it-Torri biex l-ilma ma jmurx ghal Triq l-Ghejjel Il-Kunsillier M. A. Sammut qal li forsi l-Kunsill jista` jghin finanzjarjament biex dan jkun jista` jsir.

024.3.7 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-impjegati tal-Kunsill li qed juzaw il-vettura taghhom biex jaghmlu xoghol tal-istess Kunsill. Is-Sindku ziedet tghid li wasal iz-zmien li l-Kunsill jkollu van inkella l-Kunsill jiccekkja jekk l-haddiema humiex intitulati biex jigu rifonduti tal-spejjez. Dwar dan il-Kunsill ser jiccekja mad-Diparitment tal-Gvern Lokali.

024.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar talba li saret minghand l-Arcipriet biex isir double yellow line jew xi tip ta` bollards biex ma jipparkjawx vetturi quddiem ic-cimiterju. Dwar dan is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiehu parir x`l-ahjar li jsir minghand TM.

024.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm li tigi ccelbrata fl-14 ta` Gunju, fejn ipproponiet biex tinxtghel il-binja tal-Kunsill bil-kulur ahmar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

024.3.10 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Cirkulari dwar inizjattiva biex isiru zoni pedonali fl-irhula u bliet, fejn il-Kunsill qabel unanimement li l-Kunsill jippartecipa f`din l-inizjattiva.

024.3.11 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Cachia dwar fondi li l-Kunsill ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu biex jixtri kotba ghall-Librerija Pubblika. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jinxtraw kotba godda. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet sabiex minn naha tal-Kunsilliera jipproponu x`kotba jixtiequ li jinxtraw.

024.3.12 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li applikazzjoni ta` Mizura 4.4 kienet giet sottomessa.

024.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-progett tar-ring road. Il-Kunsillier S. Caruana qal li huwa ma jaqbilx li li ring road tinfetah kif kien issugerriet imma li tinfetah sa` Triq Hal Safi. Is-Sur Caruana zied jghid li din kienet weghda manifestali u nies jhossu l-bzonn li din ghandha ssir.

**024.4 Sejha ghall-Offerti**

024.4.1 *GLC/01/2020 Gbir ta` skart domestiku mill-lokalita tal-Gudja b`uzu ta` vettura ta` servizz b`emissjoni baxxi*

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ghal din is-sejha tal-offerti kien hemm hames offerti. Is-Sindku kompliet billi qalet li fil-gimghat li gejjin ser jintaqa` l-bord biex jsir l-evalwazzjoni tal-offerti.

*GLC/02/2020 Supply and Lay Paving Material for the Gudja Local Council*

Is-Sindku ghamlet referenza ghal dan it-tender, fejn dan gie cirkulat qabel il-laqgha. Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi proponimenti ghal xi bidliet jew suggerimenti. Il-Kunsill approva dan id-dokument. Is-Sindku talbet sabiex din is-sejha tigi ppublikata.

024.5 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

024.5.1 Il-Kunsillier S. Caruana staqsa jekk hux ser isiru xi xoghlijiet fi Triq il-Kbira hekk kif saru xi marki mill-WSC. Dwar dan is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiccekja mal-perit ta` IM.

024.5.2 Il-Kunsillier S. Caruana staqsa minn kien wahhal it-tabella WELCOME Gudja thares fol Housing Estate. Is-Sur Caruana propona sabiex din it-tabella titwahhal fi Triq Hal Ghaxaq qabel ma dur ghal haunt taz-zebgha.

024.5.3 Il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex jintbghatu l-haddiema tal-Kunsill biex jekk huwa possibli jaraw jekk jisghtux jaqghielhu xi zewg kaptelli biex jiccekjaw jekk hemmx ilma li qed imur fil-kapella tal-Lunzjata.

024.5.4 Il-Vici Sindku M. Calleja propona sabiex il-bus shelter ta` Triq Hal Ghaxaq jitmexxa hekk kif qed isir din it-triq kif ukoll sabiex isir dik it-trejqa zghira ta` wara Duluri.

024.5.5 Il-Vici Sindku M. Calleja talab sabiex il-Kunsill jiccekkja mall-Awtorita tal-Artijiet ta` min huma zewg plots li hemm fi Triq J.Gravina u Triq il-Lewz ghal fatt li qed jintrema hafna skart goff u ghalhekk ghandu jitella` cint biex jitnaqqas dan l-abbuz.

024.5.6 Il-Vici Sindku M. Calleja ghamel referenza ghar-reserved parking li kellu l-Kunsill fi Triq Raymond Caruana quddiem l-istess Kunsill fejn dan tnehha biex sar parkegg ghall-karozza tal-linja. Dwar dan is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiccekja ma` Transport Malta.

024.6 **Rapporti**

023.6.1 **Ma kienx hemm.**

024.7 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**

Ma kien hemm diskussjoni.

**Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti sabiex jigi approvat change request sabiex jitwwal iz-zmien ta` meta ser jitlestew ix-xoghlijiet. Il-perjodu ser jigi mgedded sa` Settembru 2020.

b. **Ġnien Raymond Caruana – progress**

Ma kienx hemm diskussjoni.

c. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-konok tal-Gnien Gilormu Cassar ser jinqghalu. Dr. Vella kompliet billi qalet li l-Kunsill gie mitlub sabiex il-meter ta` dawl u l-ilma jigi fuq l-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sindku ziedet tghid li hija ser titkellem mall-Lans Authority biex tara hux neccessarju li jsir hekk. Gie ssugerriet li ninfurmaw lill-istess Dipartiment li fil-vicinanzi hemm gibjun li jista` jittiehed l-ilma minnu. Il-Kunsill qabel li l-gnien m`ghandhux jigi devolut lilu ghax l-Kunsill mhux lest li jhallas ghal manutenzjoni kollha li jirrikjedi gnien bhal dan. Il-Kunsillier S Caruana ssugerriexa sabiex isir ducting fi Triq ix-Xlejli u fi Triq Zghozija biex l-ilma jibqa` sejjer fil-gibjun. Rigward is-sigra taz-zebbug li trid tinqala`, il-Kunsill qabel li din is-sigra ghandha tinzera fi Gnien iz-Zghazagh.

024.8

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-lista ta' pagamenti nru 012/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mis-Sindku Dr. Marija Sara Vella u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €6,578.01 u ġiet approvata nem con.

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

024.9

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u kwart ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 16 ta` Gunju 2020 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ______________________

Dr. Marija Sara Vella
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv